MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2014

Numru. 65/2014

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Grech**

**VS**

**Julian Corena Ricardo, iben Sofia Corona, imwieled Spanja nhar il-21 ta' Ottubru, 1992, residenti Calle Akala del Chisver, Nr 116, P1, Castellon, Benicarlo, Spanja, detentur tal-karta tal-identita' Spanjola Nru X5838103J u passaport Kolumbjan Nr AO833860;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Julian Corena Ricardo** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Frar, 2014:

- Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis, kollha jew biccha minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi fi stadju ta’ interrogatorju mal-prezentata b’arrest, l-imputat ghazel li jirregistra ammissjoni, u dan wara li l-Qorti taghtu zmien xieraq sabiex jerga’ jahseb dwar l-istess.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellux oggezzjoni.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikkjara li l-imputat ikkopera mal-pulizija.

Rat l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet il-partijiet jitrattaw il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni u wara li rat l-Artikoli 8(d) u 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi **Julian Corena Ricardo** hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena(1), u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita.

Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi u l-obbligazzjonijiet naxxenti mll-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------